Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10853 — ISG / EEP / BSG)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 440/09)

1. Fl-10 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Infraserv GmbH &Co. Gendorf KG ("ISG", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Clariant Produkte (Deutschland) GmbH, Celanese Services Germany GmbH u Westlake Vinnolit GmbH & Co. KG,

— E.ON Energy Projects GmbH ("EEP", il-Ġermanja),

— Bio Steam Gendorf GmbH ("BSG", il-Ġermanja).

ISG u EEP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' BSG.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ISG: it-tħaddim ta' park kimiku fin-Nofsinhar tal-Ġermanja, inkluż il-forniment ta' infrastruttura u servizzi oħra ta' siti.

— EEP: l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet deċentralizzati għall-produzzjoni tal-elettriċità u tas-sħana għall-klijenti industrijali.

3. BSG se topera fl-oqsma tan-negozju li ġejjin: l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' installazzjoni tal-bijomassa għall-produzzjoni tas-sħana u l-elettriċità minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10853 — ISG / EEP / BSG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta, fejn għandhom jintużaw id-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU. L 24 tad-29 ta' Jannar 2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË